DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 60/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2012 tal-10 ta' Frar 2012 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/15/UE tat-23 ta' Frar 2011 li temenda d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 55a (Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII għall-Ftehim:

"— **32011 L 0015**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/15/UE tat-23 ta' Frar 2011 (ĠU L 49, 24.2.2011, p. 33).".

Artikolu 2

It-testi awtentiċi tad-Direttiva 2011/15/UE huma bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, sakemm innotifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 161, 21.6.2012, p. 33.
([2]) ĠU L 49, 24.2.2011, p. 33.

(*) Hemm rekwiżiti kostituzzjonali indikati.